**Kunsill Lokali Il-Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Il-Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg6/A15-13

11 t' April 2013

**Avviż tal-Laqgħa Nru Klg6/15**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **it-Tnejn 22 t' April 2013, fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Il-Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet
5. Approvazzjoni t'Aġġustamenti *Audit* 2012
6. Għeluq tal-Kuntratt ta' l-Activities Centre
7. Rapport dwar l-Infrastruttura
8. Rapport dwar l-Edukazzjoni
9. Affarijiet Oħra
10. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skont il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Roberto Cristiano
Sindku

Hugh Zammit
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**22 t' April 2013**

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI GŻIRA**

**SEDUTA NUMRU 14**

**IT-TNEJN 8 T' APRIL 2013 FIL-5PM FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

Roberto Cristiano – Sindku – Joe Galea – Viċi-Sindku – l-Kunsillieri Vincenza Attard, Joe Camilleri, Charles Micallef St. John u Joseph M. Muscat

Il-Kunsillier V. Rutter kien skużat minħabba raġunijiet ta' mard.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1. Il-Minuti tas-Seduta Numru 14 ġew approvati kif emmendati. Is-Sindku ppropona fil-waqt li l-Viċi-Sindku ssekonda.

## 2. Punti li joħorġu mill-Minuti

Mill-Kunsillier Charles Micallef St. John

Il-Kunsillier informa li kien għad ma rnexxilux jagħmel kuntatt mas-Sur Victor Sammut, lis-Skultur li kien ipprepara attivita' dwar l-istorja tal-Parroċċa tal-Gżira pero,' ser jibqa jipprova sakemm isir dan il-kuntatt.

Mill-Kunsillier Joseph M. Muscat

Il-Kunsillier informa li hu kien attenda s-sala fejn isir it-taħriġ tal-*computers* mid-ditta TcTc kif ukoll, it-taħriġ dwar il-*Crafts*. Hu kien solva l-problemi tal-*wires* u l-imwejjed. L-Għalliema tal-*crafts*, irringrazzjat lill-Kunsill għall-interess.

Mis-Sindku

Is-Sindku spjega li kienet saret il-laqgħa tal-Kumitat Konġunt fejn il-Kunsillier Joe Camilleri kien qajjem il-punt dwar il-*Cash In Transit.*
Is-Sindku ġie nfurmat li din il-materja ser tiġi diskussa fis-seduta li jmiss tal-Kumitat Konġunt.

**Kommunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku ppropona li kull Kunsillier għandu jibda jaħseb għal dawk ix-xogħlijiet infrastrutturali. Hu kompla jgħid, li dawn il-proġetti jieħdu ħafna żmien ta' preparazzjoni u għaldaqstant, il-Kunsill għandu jibda jipprepara minn issa għalihom.

Is-Sindku rrefera għall-Triq Manoel de Vilhena u qal li din tinsab f'diżastru kif ukoll, li din it-triq ma kienitx inkluża fil-lista tat-toroq li kellhom isiru mill-Gvern Ċentrali.

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-prezzijiet tat-tarmac kienu rrduppjaw mill-aħħar xogħlijiet li kienu saru. Għaldaqstant, hu kien ha l-inizjattiva li jistaqsi lill-Perit tal-Kunsill dwar stimi ġodda bil-prezzijiet preżenti. Dawn l-istimi ġew moqrija u ppreżentati lill-Kunsill liema stimi qed jiġu annessi ma' dawn il-minuti (Doc A)

Sar qbil li l-Viċi-Sindku flimkien mal-Kunsillier Joe Camilleri jagħmlu *site-meeting* sabiex jiġu ddentifikati dawk ix-xogħlijiet kollha rikjesti.

Is-Sindku ppropona li qabel ma jibdew dawn ix-xogħlijiet jkun ferm aħjar li jsir *stabilizing test*. B'dawn it-testijiet jistgħu jvarjaw l-istimi globali. Il-Kunsill qabel ukoll, li x-xogħlijiet jinqasmu f'erbgħa partijiet. Għaldaqstant, sar qbil li l-ewwel għandha ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill sabiex jiġu ddentifikati l-prijoritajiet kif ukoll it-tiswijiet tal-bankini.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' dawn il-proposti u s-Sindku ha l-inkarigu li jikkommunika mal-Perit tal-Kunsill.

**Kommunikazzjoni mill-Viċi-Sindku**

Il-Viċi-Sindku staqsa dwar meta kien ser isir kuntatt mal-Perit tal-Kunsill dwar il-kwestjoni li ġiet diskussa waqt is-seduta preċedenti dwar *'Manager Health & Safety'*.
Il-Kunsillier Joe Camilleri nforma li hu kien diġa' prova jagħmel dan il-kuntatt pero' il-Perit kien ma jiflaħx.

**Rapport mill-Kunsillier Joe Camilleri**

Il-Kunsillier informa li kien qed ikollu diversi lmenti mingħand id-ditta *Polidano Bros Ltd* dwar pagamenti pendenti. Għaldaqstant, il-Kunsillier issuġġerixxa li mill-aktar fis possibbli ssir laqgħa ma' l-*Accountant* tal-Kunsill sabiex jiġi stabilit il-pagament li din id-ditta għandha tieħu u sabiex dawn il-pagamenti dovuti jitħallsu u b'hekk il-Kunsill jkun konformi kemm mal-Kunsill kif ukoll mal-kuntrattur.

Il-Kunsillier spjega wkoll, li kienu qed jaslulu diversi lmenti dwar l-iskema li dalwaqt ser tiġi ntrodotta minn dan il-Kunsill dwar ir-*Residential Parking Scheme*. Hu nforma li ħafna persuni li jaħdmu fil-lokalita' iżda m'humiex residenti lokali qed jikkonfondu dwar din is-sistema. Għaldaqstant, staqsa sabiex mill-aktar fis possibbli jistax isir kuntatt mar-residenti sabiex jiġi spjegat lilhom fid-dettal din is-sistema.

Is-Sindku nforma, li r-residenti kienu diġa' jafu x'tirrikjedi din is-sistema peress li kienet intbagħatet informazzjoni fi djarhom pero' s-Sindku nforma wkoll, li din kienet ser terġa' tiġi spjegata fid-dettal fil-laqgħa tal-lokalita' li kienet ser issir il-Ġimgħa 12 t'April 2013 fis-7.00 p.m.

Il-Kunsillier informa li qabel ma tibda taħdem din is-sistema, trid tiġi ppubblikata l-*Legal Notice* li tidher ukoll fil-Gazzetta tal-Gvern.

**Konferenza Internazzjonali ECAD**

Il-Kunsillier Joe Camilleri staqsa jekk din is-sena l-Kunsill kienx ser jipparteċipa fil-konferenza hawn fuq imsemmija.

Wara diskussjoni fit-tul, il-Kunsill ikkonkluda li minħabba problemi finanzjarji ikun aħjar li din is-sena l-Kunsill ma jipparteċipax.

Is-Sindku ssuġġerixxa li konferenzi ta' din in-natura, għandhom jiġu diskussi fil-Kumitati tar-Reġjun

**Rapport mill-Kunsillier Joseph M. Muscat**

Il-Kunsiller nforma li hu kellu kuntatti ma' uffiċjali mill-iskola dwar attivita' *Eco School* li dawn qed jippruvaw jorganizzaw (*Green Flag*). Hu kompla

jgħid, li din l-attivita' hi nteressanti ħafna u kien inkoraġġa lill-Awtoritajiet ta' l-iskola sabiex din issir. Il-Kunsillier ha l-inizjattiva li jagħmel kuntatt mad-Direttur ta' l-E.L.C. bil-għan li dawn jgħinu f'din l-attivita' fil-fatt, il-Kunsill ġie nfurmat li kienet ser issir għotja ta' pjanti ta' l-istaġun.

Il-Kunsill ġie nfurmat li kienet intbagħatet korrispondenza dwar Seminar li ser isir dwar il-libreriji tal-lokalita'. Il-Kunsillier wera l-interess li jattendi.

Il-Kunsill qabel unanimament li jattendi l-Kunsillier Joseph M. Muscat.

**Rapport mill-Kunsillier Vincenza Attard**

Il-Kunsillier infurmat dwar l-istat perikoluż ta' bankini fi Triq Sliema għaliex qed ikunu ferm ta' periklu għal dawk li jiffrekwentaw din iż-żona.

Is-Sindku nforma li l-imsemmija bankina diġa' qedgħa fuq il-program ta' bankini li ser jiġu ffinanzjati mill-*U.I.F*.

**Approvazzjoni ta' Xiri u Pagamenti**

Il-pagamenti kollha li dehru fuq l-iSkeda tal-Ħlasijiet jiġifieri minn Nru: 605 sa Nru: 641 barra Request Sheet Nru: 614 – Duck Food – April 2013 ġew approvati unanimament.

Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier Charles Micallef St. John ssekonda.

Billi ma kienx hemm affarijiet oħra għad-diskussjoni, l-laqgħa ntemmet fis-7.30 p.m.

**HUGH ZAMMIT**
**A. Segretarju Eżekuttiv**

**ROBERT CRISTIANO**
**Sindku**

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/15**

## Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgha Klg6/15 - 22.04.2013** **Data:** **08.04.2013 - 22.04.2013**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €190.71 | €190.71 | T | | Traffic Signs - Job No: 9686 | 21.03.2013 | 17709 | 639 | | | 8364 |
| 2 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €795.30 | €795.30 | T | | Road Markings - Job No: 12192 | 14.03.2013 | 17728 | 640 | | | 8365 |
| 3 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €609.86 | €609.86 | T | | Road Markings - Job No: 12193 | 14.03.2013 | 17729 | 641 | | | 8366 |
| 4 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €202.35 | €202.35 | T | | Road Markings - Job No: 12024 | 01.04.2013 | 17735 | 642 | | | 8367 |
| 5 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €211.90 | €211.90 | T | | Road Markings - Job No: 12025 | 01.04.2013 | 17736 | 643 | | | 8368 |
| 6 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €266.08 | €266.08 | T | | Road Markings - Job No: 11549 | 28.03.2013 | 17739 | 644 | | | 8369 |
| 7 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €433.23 | €433.23 | T | | Road Markings - Job No: 11550 | 28.03.2013 | 17740 | 645 | | | 8370 |
| 8 | J.F. Mallia Ltd | €289.81 | €289.81 | D | | Street Lights March Job. 288-289-290 | 30.03.2013 | 881 | 646 | | | 8340 |
| 9 | J.F. Mallia Ltd | €687.59 | €687.59 | D | | Upgrading & New Installation | 30.03.2013 | 883 | 647 | | | 8341 |
| 10 | Longbow Ltd | €113.28 | €113.28 | D | | Degradable bags for the Strand | 18.04.2013 | 119448 | 648 | | | 8342 |
| 11 | SKS Publishers | €67.00 | €67.00 | D | | Books for Public Library | 27.03.2013 | 5KL | 649 | | | 8343 |
| 12 | J.G. Publisher | €15.00 | €15.00 | D | | Books for Public Library | 28.03.2013 | ms2803 | 650 | | | 8344 |
| 13 | Merlin Publishers Ltd | €105.93 | €105.93 | D | | Books for Public Library | 28.03.2013 | 045755 | 651 | | | 8345 |
| 14 | Media Link Comm Co Ltd | €293.46 | €293.46 | D | | Books for Public Library | 26.03.2013 | 051147 | 652 | | | 8346 |
| 15 | Horizons | €76.38 | €76.38 | D | | Books for Public Library | 21.03.2013 | 0046 | 653 | | | 8347 |
| 16 | Malta Union of Teachers | €24.78 | €24.78 | D | | Books for Public Library | 20.03.2013 | 2013-08 | 654 | | | 8348 |
| 17 | MIDSEA Books Ltd | €98.49 | €98.49 | D | | Books for Public Library | 18.03.2013 | 11134 | 655 | | | 8349 |
| 18 | Promotion Services Ltd | €102.83 | €102.83 | D | | Books for Public Library | 20.03.2013 | 207357 | 656 | | | 8350 |
| 19 | BDL Ltd | €369.53 | €369.53 | D | | Books for Public Library | 25.03.2013 | 206344 | 657 | | | 8351 |
| 20 | BDL Ltd | €24.81 | €24.81 | D | | Books for Public Library | 28.03.2013 | 206578 | 658 | | | 8352 |
| | **Sub Total c/f** | **€4,978.32** | **€4,978.32** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€4,978.32** | **€4,978.32** | | | | | | | | | |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/15**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg6/15 - 22.04.2013** **Data:** **08.04.2013 - 22.04.2013**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Miller Distributors Ltd | €24.61 | €24.61 | D | | Books for Public Library | 22.03.2013 | 180612 | 659 | | | 8353 |
| 22 | Wise Owl | €165.58 | €165.58 | D | | Books for Public Library | 26.03.2013 | 110C | 660 | | | 8382 |
| 23 | Ikona Artworks | €306.80 | €306.80 | D | | Christmas Poster (Design & Artwork) | 10.04.2013 | 695 | 661 | | | 8354 |
| 24 | ARMS Ltd | €43.66 | €43.66 | D | | Act Centre 12.10.2012 - 11.12.2012 | 26.01.2013 | 16344656 | 662 | | | 8355 |
| 25 | C.S.D. Office Trade | €40.53 | €40.53 | D | | A4 Copy Paper | 10.04.2013 | 43558 | 663 | | | 8356 |
| 26 | Media Link | €101.48 | €101.48 | D | | Advert Laqgħa tal-lokalita' 12.04.2013 | 04.04.2013 | | 664 | | | 8357 |
| 27 | The Toolbox | €24.95 | €24.95 | D | | Electric Kettle - Adm Office | 11.04.2013 | 11801 | 665 | **Cancelled** | | **cancelled** |
| 28 | The Toolbox | €14.65 | €14.65 | D | | Maint Adm Office | 12.04.2013 | 11806 | 665 | | | 8379 |
| 29 | The Toolbox | €67.50 | €67.50 | D | | Maint Activities Centre | 18.04.2013 | 11816 | 665 | | | 8379 |
| 30 | Stardelta | €265.83 | €265.83 | D | | Maintenance Locality | 08.03.2013 | 6658858 | 666 | | | 8359 |
| 31 | Vinto Stores | €143.20 | €143.20 | D | | Maintenance Locality | 20.03.2013 | 20743 | 667 | | | 8360 |
| 32 | EcoPure Ltd | €12.74 | €12.74 | D | | Consumables Admin Office | 12.04.2013 | 541341 | 668 | | | 8361 |
| 33 | MaLia | €35.00 | €35.00 | D | | Participation in MaLLIA Conf 10.05.2013 | 18.04.2013 | 674 | 669 | | | 8328 |
| 34 | MaltaPost | €24.00 | €24.00 | D | | Postage Stamps | 19.04.2013 | | 670 | | | 8327 |
| 35 | Aska Trading Enterprises | €107.46 | €107.46 | D | | Stationery | 19.04.2013 | O 3063 | 671 | | | 8362 |
| 36 | Alfa Co. Ltd | €60.25 | €60.25 | D | | Rental Charge photocopier | 31.03.2013 | 30002199 | 672 | | | 8363 |
| 37 | Alfa Co. Ltd | €35.00 | €35.00 | D | | Rental Charge photocopier | 31.03.2013 | 30002200 | 672 | | | 8363 |
| 38 | Gzira Local Council | | | | | Honoraria | | | | | | |
| 39 | Gzira Local Council | | | | | Wages | | | | | | |
| 40 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€1,473.24** | **€1,473.24** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€4,978.32** | **€4,978.32** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€6,451.56** | **€6,451.56** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/15**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | | | | | | | | | | | | |
| 42 | | | | | | | | | | | | |
| 43 | | | | | | | | | | | | |
| 44 | | | | | | | | | | | | |
| 45 | | | | | | | | | | | | |
| 46 | | | | | | | | | | | | |
| 47 | | | | | | | | | | | | |
| 48 | | | | | | | | | | | | |
| 49 | | | | | | | | | | | | |
| 50 | | | | | | | | | | | | |
| 51 | | | | | | | | | | | | |
| 52 | | | | | | | | | | | | |
| 53 | | | | | | | | | | | | |
| 54 | | | | | | | | | | | | |
| 55 | | | | | | | | | | | | |
| 56 | | | | | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€6,451.56** | **€6,451.56** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€6,451.56** | **€6,451.56** | | | | | | | | | |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier Kunsillier